## QORTI CIVILI PRIM`AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Novembru 2018**

**Kawza Nru. 1**
**Rikors Nru. 174/2018 JZM**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali**
**nru. 3392/08**

**fl-ismijiet:**

**Agent Kontrollur tad-Dwana**

***kontra***

**John Busuttil (ID No. 711758 M)**

**Il-Qorti :**

### I. Preliminari

Rat ir-rikors li pprezenta John Busuttil fit-23 ta` Frar 2018 li jaqra :–

*Illi r-rikorrenti qed jipprezenta dan ir-rikors sabiex jitlob ir-revoka tat-titolu ezekuttiv ottenut fil-konfront tieghu permezz tal-ittra ufficjali de quo agitur u dan ai termini tal-artikolu 467(1) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta` Malta.*

*Illi sussegwentament ghal din l-ittra ufficjali li gietipprezentata fil-konfront tar-rikorrenti ai termini tal-artikolu 466 tal-Kap 12, gie ipprezentat quddiem din l-Onorabbli Qorti mandat ta` sekwestru ezekuttiv bin-numru 853/14 [DOK. A] fil-konfront tar-rikorrenti mid-Direttur Generali Dwana.*

*Illi nonostante li din l-ittra ufficjali tidher de visu li giet notifikata lir-rikorrenti, almenu kif tghid ir-riferta datata 12 ta` Frar 2009, ir-rikorrenti jikkontesta bil-qawwa kollha li huwa gie qatt notifikat b`din l-ittra ufficjali u wisq izjed bil-mandat ta sekwestru ezekuttiv.*

*Illi kif ser jirrizulta huwa impossibli li r-rikorrenti seta` qatt jigi nnotifikat fl-indirizzi indikati fl-ittra ufficjali ossia 20, Dokkena Street, Luqa u dan stante li fi zmien in-notifika huwa ma kienx jghix u jirrisjedi hemm.*

*Illi dan jirrizulta ampjament mir-registru elettorali ghas-snin 2009 li kopja tieghu qed tigi annessa bhala Dok. B li juri li fi Triq id-Dokkiena ma kienx jirrisjedi ir-rikorrenti fiz-zmien tan-notifika. Infatti qed jigi anness ukoll bhala Dok. C ir-registru elettorali tal-istess zmien li jindika bic-car li r-rikorrenti kien jghix f`numru 18, Ta Giovanna, Triq l-Egrett Isfar, Luqa. Illi ghal-finijiet ta` kjarezza qed jigi iccarat illi l-estratti mir-registri elettorali esebiti bhala Dok. B u C huma indikati bhala "April 2009" izda jinkludu il-perjodu Ottubru 2008 sa April 2009, liema fatt jista` jigi ikkonfermat waqt is-smigh tar-rikors minn rapprezentant tal-ufficcju elettorali.*

*Illi sigurament din in-notifika ma kienitx tirrispetta il-vot tal-ligi ghaliex fl-ewwel lok qatt ma sehhet stante li qatt ma giet notifikata lir-rikorrenti u fit-tieni lok wisq izjed ma setghet qatt issehh f`indirizz fejn ir-rikorrenti lanqas biss kien jirrisjedi.*

*Illi r-rikorrenti jista` jikkonferma bil-gurament tieghu li huwa qatt ma irrisjeda fl-indirizz indikat fl-ittra ufficjali de quo agitur.*

*Illi infatti sal-gurnata tal-lum kemm l-ittra ufficjali u lanqas il-mandat ta` sekwestru ezekuttiv ma gew qatt innotifikati lir-rikorrenti.*

*Illi nfatti f`cirkostanzi simili fejn ma tkunx sehhet notifika u fejn ma jkunx hemm artikolu tal-ligi ad hoc bhal fil-kaz odjern, tigi mniehda kawza kostituzzjonali sabiex tigi attakkata il-validita` tal-gudikant sabiex jannulla l-effikacja. Illi dan huwa rassodat minn gurisdprudenza ricenti fosthom **"Dr Michael Grech noe vs L-Avukat Generali"** Cit Nru: AF 51/10 u liema kawza mhux appellata liema kawza titratta xenarju simili fejn il-mandatarju ta Dr. Michael Grech, ossia Joseph Pavia, ma kienx gie debitament notifikat.*

*Illi l-artikolu 467(1) jiddetta verbatim :*

*Kull titolu esekuttiv mahrug skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu tal-ahhar ta` qabel dan fin-nuqqas ta` xi oppozizzjoni mid-debitur ghandu jigi revokat jekk, meta ssir talba permezz ta` rikors li jigi prezentat fi zmien ghoxrin jum mill-ewwel notifika li ssirlu ta` xi mandat esekuttiv li jkun imsejjes fuq dak it-titolu jew ta` kull att gudizzjarju iehor li fih issir referenza ghal dak it-titolu, il-Qorti tkun sodisfatta li d-debitur ma kienx jaf bin-notifika tad-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu tal-ahhar ta` qabel dan matul il-perjodu li fih id-debitur seta` jopponi u li t-talba li tinsab f`dik id-dikjarazzjoni tkun infondata fil-mertu.*

*Illi gialadarba ir-rikorrenti ma giex notifikat b`ebda att, l-ghoxrin jum ghadhom lanqas biss bdew jiddekorru u ghalhekk dan ir-rikors ma hux fuori termine.*

*Inoltre it-talba kontenuta fl-ittra ufficcjali hija infondata fil-mertu stante li r-rikorrenti ma kellhux fuel li kien gie akkwistat duty free u inoltre hemm ragunijiet ohra li ghandhom jirrizultaw fit-trattazzjoni tal-mertu.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini tal-artikolu 467(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta tirrevoka it-titolu ezekuttiv ottenut permezz tal-ittra ufficcjali fuq indikata bin-numru 3392/08.*

*Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna.*

Rat ir-risposta li pprezenta d-Direttur Generali (Dwana) gia` Agent Kontrollur tad-Dwana fis-26 ta` Marzu 2018 li taqra :-

*1. Illi in linea preliminari, din l-azzjoni hija preskritta stante li l-azzjoni hi perenta ai termini tal-Artikolu 467(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*2. Illi in linea preliminari wkoll, l-esponent jissottometti li hu gie notifikat unikament bir-Rikors intavolat fit-23 ta` Frar 2018 u din minghajr id-dokumentazzjoni indikata fl-istess Rikors.*

*3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fl-ewwel lok fil-mertu, il-pretensjonijiet u t-talbiet tar-rikorrent huma insostenibbli fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li r-rikorrent ma giex debitament notifikat bl-imsemmija ittra ufficjali skont il-ligi u dan kif jidher mid-dokument hawn anness u immarkat bhala* ***Dok DG.***

*4. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, l-esponent jirrileva li t-titolu ezekuttiv huwa validu u skont il-ligi u dan kif se jirrizulta matul it-trattazzjoni tal-kaz.*

*5. Illi fit-tielet lok u minghajr pregudizzju, mhux minnu li r-rikorrent ma kellux gasoil li kien gie akkwistat duty free abbord il-motor yacht Anna Maria Esmeralda; kif jigi allegat fir-Rikors odjern.*

*6. Illi fir-raba` lok, il-kawza fl-ismijiet Avv. Michael grech noe v l-Avukat Generali et ma tapplikax ghall-kaz odjern stante li l-fattispecje huma kompletament diversi mic-cirkostanzi odjerni.*

*7. Illi ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet, it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-Rikors sabiex jigi revokat it-titolu ezekuttiv li gie ottjenut permezz tal-ittra ufficjali li ghandha n-numru ta` referenza 3392/08 mhix gustifikata u ghandha tigi michuda;*

*8. Salv eccezjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrent minn issa mharrek ghas-subizzjoni.*

Rat il-provi li tressqu fil-kors tal-kawza.

Rat illi l-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakolta` li l-partijiet jipprezentaw noti ta` osservazzjonijiet.

Rat in-noti ta` osservazzjonijiet.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

## II. <u>Analizi tal-provi</u>

Il-Qorti tosserva illi John Busuttil xehed fil-kawza tal-lum, u ghazel li ma jaghmilx kontroezami lix-xhieda tal-intimat.

L-intimatipprezenta bhala prova l-atti li gejjin :-

1. Kopja ta` sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-21 ta` Ottubru 2005 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Harbour Management Ltd vs John Busuttil</u>**. Il-Qorti osservat li l-konvenut kien debitament notifikat bl-atti izda la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas deher sabiex iwiegeb ghad-domandi in subizzjoni. Il-Qorti laqghet it-talba attrici bl-imghax u bl-ispejjez.

2. Kopja ta` sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-14 ta` Ottubru 2005 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Harbour Management Ltd vs John Busuttil</u>** fejn ghalkemm il-konvenut kien debitament notifikat bl-atti, baqa` kontumaci. Il-kawza kienet deciza kontra l-konvenut bl-imghax u bl-ispejjez.

3. Kopja ta` sentenza li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26 ta` Ottubru 2005 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Melita Power Diesel Limited vs John Busuttil</u>** fejn il-Qorti osservat li l-konvenut ghalkemm kien debitament notifikat bl-atti la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas deher biex iwiegeb ghad-domandi in subizzjoni. Il-konvenut kien ikkundannat ihallas is-sorte, l-imghax u l-ispejjez.

4. Kopja ta` sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fis-17 ta` Gunju 2009 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali vs John Busuttil</u>**. Din kienet procedura istitwita kontra l-konvenut ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti. Il-qorti sabet lill-konvenut hati ta` disprezz.

Senjalati dawn l-atti, il-Qorti sejra tirreferi ghall-provi l-ohra.

Mill-provi prodotti jirrizulta illi b`ittra tas-17 ta` Marzu 2008 li Hector Piccinino mis-Sezzjoni Legali fl-Ufficcju ta` Dwana baghat lir-rikorrent dan kien mgharraf illi kienu jezistu pendenzi finanzjarji fl-ammont ta` €13,985 u €12,974 rapprezentanti SISA u VAT dovut fuq *fuel* akkwistat *duty free* u li nstab fuq il-bastiment MY Anna Maria Esmeralda, li dak iz-zmien kien proprjeta` tar-rikorrent.

**L-ittra ntbaghtet fl-indirizz 18, Ta` Giovanna, Triq l-Egret l-Isfar, Luqa**.

Jidher illi l-ittra kienet accettata mir-rikorrent. Fuqha tidher il-firma tieghu u n-numru relattiv tal-karta tal-identita`.

**Il-Qorti tosserva illi il-firma tar-rikorrenti fuq l-ittra in kwistjoni ma kenitx kontestata la qabel u lanqas waqt il-proceduri odjerni.**

Peress illi l-ammont indikat fl-ittra baqa` ma thallasx, l-Agent Kontrollur tad-Dwana pprezenta ittra ufficjali fis-7 ta` Novembru 2008 ghall-fini ta` notifika tar-rikorrent b`dikjarazzjoni guramentata skont l-Art. 466 tal-Kap 12. Ir-rikorrent kien interpellat sabiex ihallas is-somma komplessiva ta` €26,960 rapprezentanti dazju tas-sisa u taxxa fuq il-valur mizjud fuq *fuel* akkwistat duty free ghad-dghajsa MY Anna Maria Esmeralda. Fl-istess ittra ufficjali r-rikorrenti nghata avviz illi fin-nuqqas ta` pagament jew oppozizzjoni ghat-talba fit-termini tal-procedura taht l-Art 466, il-mittent u cioe` l-agent Kontrollur kien ser jghaddi sabiex jesegwixxi l-kreditu tieghu.

**L-indirizz ghan-notifika ta` din l-ittra ufficjali kien 20, Dokkiena Street, Luqa.**

Skont it-timbri tar-riferta ghan-notifika ta` dan l-att, jirrizulta illi kien sar tentattiv ta` notifika fl-14 ta` Novembru 2008. Il-Marixxal tal-Qorti John Micallef ghamel referta negattiva : `*Gone Away*`. Sar tentattiv iehor u n-notifika

kienet wahda pozittiva. Jidher illi n-notifika saret fit-12 ta` Frar 2009 lil John Busuttil.

L-att ma kienx kontestat, ghadda t-terminu u ghalhekk kien hemm titolu ezekuttiv. Bhala segwitu, l-intimat talab u kiseb il-hrug ta` mandat ta` sekwestru esekuttiv kontra r-rikorrent. L-indirizz tar-rikorrent ghall-fini ta` notifika tal-mandat kien ndikat bhala **`MY Whittern, Berth No. 7, Ta Xbiex`**.

Jidher mir-riferta illi sar tentattiv wiehed ta` notifika fl-10 ta` Gunju 2014 bil-Marixxall tal-Qorti Raymond Pace jirrapporta illi : "*Sibt gate mghaluqa* (sic !) *u ma kellix access ghall-boats*". Fuq il-kopja tal-mandat hemm ukoll notament bl-idejn fejn jinghad : "*hawn grada mghaluqa* (sic !) *u ma stajtx nidhol hdejn dghajsa*". Ma jirrizultax illi saret notifika ta` l-mandat ta` sekwestru lir-rikorrent.

Ir-rikorrent xehed illi huwa sar jaf bil-mandat meta mar il-bank u kien infurmat illi kienu kolpiti l-kontijiet tieghu b`mandat.

**Daqstant ghar-rigward tal-mandat.**

**Il-Qorti sejra tghaddi biex tqis dak li sehh fil-kawza kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. Jonathan Ferris) vs John Busuttil li kienet deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali fl-14 ta` Novembru 2013.**

Jirrizulta li wara talba tad-Direttur Generali (Dwana) gia Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT, John Busuttil kien akkuzat illi fit-8 ta` April 2004 kien fil-pussess ta` 41,324 litru diesel bla dazju u li dakinhar jew fil-granet ta` wara xjentement iddispona mill-istess u dan kollu bil-hsieb illi jiffroda lill-Gvern minn dazji u taxxi. Ukoll illi fit-8 u 9 ta` April 2004 ghamel dikjarazzjoni falza lill-Ufficjali tad-Dwana u lill-Pulizija fis-sens illi ddikjara li fit-8 u 9 ta` April 2004 kien hareg u dahal bil-bastiment MY Anna Maria Esmeralda.

Jirrizulta illi John Busuttil kien notifikat bil-komparixxi fis-16 ta` Dicembru 2009 fl-indirizz 20, Dokkiena Street Luqa. In-notifika saret lil ommu.

Mill-ezami li sar ta` Busuttil bhala akkuzat fil-kawza kriminali jirrizulta li huwa ddikjara illi joqghod 20, Dockyard Street, Luqa. F`dan ir-rigward gie mfisser illi effettivament kien sar zball billi kif jirrizulta mill-estratt tar-registru elettorali Triq id-Dockyard ma tezistix gewwa Hal-Luqa u allura l-indirizz tal-imputat ried jaqra 20, Triq id-Dokkiena, Luqa.

Ma jidhirx illi f`dawn il-proceduri kien hemm xi diffkulta` bin-notifika tal-atti. Fil-fatt l-imputat ipprezenta ruhu kif mitlub fil-komparixxi ghas-seduta tad-19 ta` Jannar 2010. Xehdu diversi ufficjali tal-Pulizija u tad-Dwana fil-kors ta` dawk il-proceduri. Mill-provi li tressqu rrizulta illi l-bastiment MY Anna Maria Esmeralda kien proprjeta` ta` John Busuttil. Kienu esebiti wkoll zewg ricevuti li harget Mediterranean Offshore Bunkering Company Ltd lil John Busuttil : ricevuta minnhom ghall-ammont ta` 41,324 litru *fuel duty free* ; u ricevuta ohra ghall-ammont ta` 42,589 litru *fuel duty free*.

John Busuttil xehed illi xtara l-lanca ghall-habta ta` Dicembru 2003. Spjega li kien ghadda madwar xahar minn meta xtraha sakemm uzaha l-ewwel darba. Qal ukoll illi kien ha *bunkers* darbtejn, u cioe` fit-8 ta` April 2004 u fit-3 ta` Gunju 2004. Mistoqsi fejn kien mar bil-lanca wiegeb illi kien mar kwazi sa Sqallija. Fisser li ftit granet wara li ha l-*bunker* kien gab *clearance* mid-Dwana u hareg bil-lanca lejn Sqallija izda kif wasal qrib Sqallija garrab hsara u kellu idur lura. Meta kien lura Malta, ma kejjilx kemm kien baqa` diesel fit-tankijiet. Kompla jghid illi ghalkemm ma kienx johrog minn Malta xorta wahda kien jorbot il-lanca mal-moll u jistartjaha sabiex jara kif tkun sejra. Zied jghid ukoll illi meta ha t-tieni *bunker* it-tankijiet kollha kienu vojta. Mistoqsi ghaliex ma harigx minn Malta wara li ha t-tieni *bunker* stqarr illi fil-verita` kien hiereg pero` kif kien ser jaghmel dan mit-turretta qalulu li ma kienx *clear* mad-Dwana. Talab li jaghmel *trial run* u hekk ghamel u gie lura dakinhar stess.

Irrizulta mir-*records* tal-Awtorita` Marittima ta` Malta illi ma kienx hemm *records* ta` moviment min-naha tal-bicca tal-bahar in kwistjoni fit-8 u 9 ta` April 2004. Kull bastiment li jkun hiereg jew diehel Malta jrid jikkomunika dan mal-Port.

Kien esebit dokument datat 9 ta` April 2004 li jimtela` meta bastiment ikun lura minn barra. Jirrizulta minn dan id-dokument illi l-MY Anna Maria Esmeralda hareg fit-8 ta` April 2004 u dahal lura l-ghada. Kien konfermat illi

din il-formola timtela` fuq talba tal-kaptan tal-bastiment minghajr ma jkunu saru kontrolli jew verifiki.

Tajjeb jinghad illi l-proceduri kriminali bdew wara suspett illi d-diesel in kwistjoni inbiegh Malta bla ma kellu d-dazju mhallas. Mill-accertamenti li ghamlu l-Pulizija u l-Armata rrizulta illi l-bastiment in kwistjoni kien ha zewg konsenji ta` diesel wahda fix-xahar ta` April u ohra fix-xahar ta` Gunju tal-2004. Il-konsenja ta` Gunju rrizulta li kienet ghadha fuq il-bastiment. Il-konsenja ta` April ma rrizultax x`kien sar minnha.

**Il-proceduri kriminali kienu decizi fl-14 ta` Novembru 2013. John Busuttil kien liberat minn kull imputazzjoni u piena. Ma kienx hemm appell u ghalhekk is-sentenza ghaddiet in gudikat.**

**Nigu issa ghax-xiehda ta` John Busuttil fil-kawza odjerna.**

Kien mistoqsi fejn kien ighix fl-2009. Huwa wiegeb : "*99% Ta` Giovanna, Triq l-Egrett l-Isfar, probabbli kont. Hal-Farruga. Luqa.*" (fol. 31).

Spjega illi fl-indirizz 20, Dokkiena Street, Luqa kienet tghix ommu llum hija defunta.

Qal illi huwa sar jinsa hafna u qieghed anki taht kura medika minhabba din il-problema. Beda jigrilu hekk wara li kellu tifla, li llum ghandha tlett snin, li tbati mid-*down syndrome*. Gieli ghamel zmien jghix fuq xi wahda mid-dghajjes tieghu u gieli wkoll kien iqatta` ftit granet l-Italja.

Muri kopja tal-ittra ufficjali tal-Kontrollur tad-Dwana, wiegeb illi qatt ma ra dak id-dokument qabel.

Ikkonferma illi sar jaf bil-mandat meta mar il-bank.

Jinsisti li m`ghandu l-ebda pendenzi mal-intimat ghaliex kull meta xtara l-fuel dejjem hallas ghalih *cash* ; altrimenti kien jibqa` b`xejn.

Fil-kontroezami kien mitlub jiccara fejn kien joqghod fit-12 ta` Frar 2009. Wiegeb hekk : "*Bl-amment hekk, bl-ezatt ma nkunx naf … F`din il-gurnata mhux ha, ma nafx. Jew id-dar Hal-Luqa jew fejn semmejtlek id-dghajjes wahda minnhom.*" (fol. 35).

Imbaghad kompla jixhed illi in generali fil-perijodu in kwistjoni kien jghix fid-dar tieghu u cioe` d-dar bl-isem `Ta` Giovanna`. Dwar il-post ta` Triq id-Dokkiena, Luqa, stqarr illi huwa qatt ma ghex hemm ghalkemm gieli kien imur hemm. Kien hemm zmien ukoll fejn dam is-snin ma jmur hemm minhabba dizgwid ma` hutu.

Ighid illi qatt ma rcieva notifiki ta` atti tal-qorti fl-indirizz ta` Triq id-Dokkiena, Luqa.

## III. <u>Konsiderazzjonijiet</u>

**Il-vertenza odjerna tinkwadra ruhha fuq l-applikazzjoni ta` <u>Art 467(1) tal-Kap 12</u> li jittratta kazi fejn tista` ssir opposizzjoni ghall-procediment skont l-<u>Art 466 tal-Kap 12</u>.**

**<u>L-Art 467(1)</u>** ighid :-

> *Kull titolu esekuttiv mahrug skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu tal-ahhar ta` qabel dan fin-nuqqas ta` xi oppozizzjoni mid-debitur ghandu jigi revokat jekk, meta ssir talba permezz ta` rikors li jigi prezentat fi zmien ghoxrin jum mill-ewwel notifika li ssirlu ta` xi mandat esekuttiv li jkun imsejjes fuq dak it-titolu jew ta` kull att gudizzjarju iehor li fih issir referenza ghal dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta li d-debitur ma kienx jaf bin-notifika tad-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu tal-ahhar ta` qabel dan matul il-perijodu li fih id-debitur seta`*

*jopponi u li t-talba li tinsab f`dik id-dikjarazzjoni tkun infondata fil-mertu.*

**L-Art 466** ighid :-

*(1) Meta kap ta` dipartiment tal-gvern jew il-persuna vestita bir-rapprezentanza legali ta` korp maghqud stabbilit bil-ligi jew b`rapprezentanza legali ta` xi kumpannija jew korp iehor li jkun hekk awtorizzat, bi jew taht kull ligi, sabiex jigbor kull ammont dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi, ikun irid jagixxi sabiex jingabar lura dejn dovut lil dipartiment tal-gvern jew lil xi ufficcju amministrattiv tieghu jew lil korp maghqud stabbilit bil-ligi, dwar kull servizz, provvista, penali, kera, cens, pizijiet ohra fuq beni, kumpens ghall-okkupazzjoni u jew ghal dritt ta` xi licenza jew dritt jew taxxa ohra dovuti, huwa jista` jaghmel dikjarazzjoni tieghu mahlufa quddiem ir-registratur, imhallef jew magistrat li fiha huwa ghandu jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-debitu u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dak id-debitu jkun dovut :*

…

*(2) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) ghandha tigi notifikata lid-debitur permezz ta` att gudizzjarju u ghandu jkollha l-istess effett daqslikieku kienet gudikat tal-qorti kompetenti, kemm-il darba d-debitur, fi zmien ghoxrin jum min-notifika li ssirlu ta` dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix it-talba billi jipprezenta rikors li fih jitlob li l-qorti tiddikjara t-talba bhala wahda infondata.*

*(3) Ir-rikors prezentat skont is-subartikolu (2) ghandu jigi notifikat lill-kap tad-dipartiment, li jkollu dritt jipprezenta risposta fi zmien ghoxrin jum. Il-qorti tghaddi biex tappunta dak ir-rikors ghas-smiegh f`jum li jigi wara li jghaddi dak iz-zmien.*

*(4) F`kazijiet ta` xorta urgenti l-qorti tista`, wara li jsirilha rikors mill-kreditur jew mid-debitur, tqassar kull zmien perentorju bhalma huwa provdut f`dan l-artikolu bil-mezz ta` digriet li jigi notifikat lill-parti l-ohra.*

Il-proceduri skont l-Art 466 u 467 tal-Kap 12 huma specjali fin-natura taghhom.

L-Art 466 huwa mahsub sabiex att ta` persuna ndikata fid-disposizzjoni ma jsirx titolu ezekuttiv.

Skont is-subartikolu (1) kap ta` dipartiment illi jrid jigbor lura ammonti dovuti lill-Gvern (fil-kaz tal-lum l-intimat ghall-hlas ta` dazju) irid jaghmel dikjarazzjoni mahlufa fejn ikun hemm indikat x-xorta tad-debitu, min huwa d-debitur u l-konferma li l-kreditur kontra d-debitur. Fil-kaz tal-lum, din id-dikjarazzjoni mahlufa saret u ghalhekk il-vot tal-ligi huwa sodisfatt.

Is-subartikolu (2) jipprovdi li d-dikjarazzjoni mahlufa trid tkun notifikata lid-debitur permezz ta` att gudizzjarju. Jekk fi zmien ghoxrin jum min-notifika, id-debitur ma jopponix il-fondatezza tat-talba li ssir fil-konfront tieghu permezz ta` rikors, allura l-ittra ufficjali tkun reza ezegwibbli, u kwindi jkun jista` johrog mandat ezekuttiv.

**Fil-procediment tal-lum, ir-rikorrent jallega li qatt ma kien notifikat bl-att gudizzjarju. Min-naha tieghu, l-intimat mhux biss jikkontesta l-fondatezza fil-mertu tal-pretensjoni tar-rikorrent, izda jeccepixxi li l-azzjoni tar-rikorrent hija perenta skont l-Art 467(1) tal-Kap 12.**

Delineati l-binarji tal-azzjoni u tad-difiza kontra l-azzjoni, l-indagni tal-qorti trid tkun li tistabilixxi jekk kienx hemm notifika tar-rikorrent tad-dikjarazzjoni mahlufa tal-intimat b`att gudizzjarju. Huwa biss wara li jsir dan illi l-qorti tkun tista` tmur ghall-pass ta` wara u cioe` li tistharreg jekk kienx hemm opposizzjoni da parti tar-rikorrent fit-terminu prefiss mil-ligi, u allura tippronunzja ruhha dwar l-eccezzjoni tad-dekadenza tal-azzjoni.

Fil-fehma tal-Qorti, l-Art 467(1) tal-Kap 12 huwa car u ma jaghtix lok ghal ekwivoci. Infatti jipprefigi lid-debitur ghall-presentata ta` rikors opportun terminu perentorju ta` ghoxrin (20) jum li jibda jiddekorri "*mill-ewwel notifika li ssirlu ta` xi mandat esekuttiv li jkun imsejjes fuq dak it-titolu* ***jew ta` kull att gudizzjarju iehor li fih issir referenza ghal dak it-titolu esekuttiv*** ..." (enfasi u sottolinear tal-Qorti). Imbaghad id-debitur ikun irid juri ghas-sodisfazzjoni tal-qorti li ***ma kienx jaf bin-notifika*** tad-dikjarazzjoni mahlufa tal-kap tad-dipartiment li tissemma fl-Art 466(1) u allura ma setax jikkontesta l-fondatezza taghha fil-mertu.

Dan premess, fil-kaz tal-lum, irrizulta li fl-2009 John Busuttil kien jghix fil-fond bl-isem `Ta` Giovanna`, Triq l-Egrett l-Isfar, Luqa. Jidher illi kien jirrisjedi f`dak l-indirizz anke qabel l-2009. Dan johrog mid-dokumenti relattivi ghall-bastiment MY Anna Maria Esmeralda, fejn bhala indirizz tar-rikorrent kien indikat bhala `Ta` Giovanna`, Triq l-Egrett l-Isfar, Luqa. Busuttil xehed ukoll illi gieli ghamel zmien joqghod fuq xi wahda mid-dghajjes illi kellu. Bhala stat ta` fatt, fir-registru elettorali tal-2009, Busuttil kien registrat fuq l-indirizz : Ta` Giovanna`, Triq l-Egrett l-Isfar, Luqa.

Jirrizulta li l-indirizz l-iehor u cioe` 20, Triq id-Dokkiena, Luqa, huwa d-dar fejn kienet tghix ommu qabel mietet. Mill-atti ma jirrizultax meta mietet omm ir-rikorrent, ghalkemm fl-2009 tirrizulta li kienet ghadha registrata fl-indirizz 20, Triq Dokkiena, Luqa. Quddiem din il-Qorti r-rikorrent xehed illi ghalkemm kien imur id-dar ta` ommu, gieli kien jaghmel snin ma jmur minhabba disgwid li kellu ma` hutu. Xehed ukoll illi qatt ma rcieva notifika mill-qorti fl-indirizz tad-dar ta`ommu. Jirrizulta li fil-kawza tal-pulizija, in-notifika tal-komparixxi saret lil omm ir-rikorrent fl-indirizz 20, Triq id-Dokkiena, Luqa, fis-16 ta` Dicembru 2009. Waslet ghand ir-rikorrent sabiex seta` jipprezenta ruhu quddiem il-qorti fid-19 ta` Jannar 2010. Jirrizulta wkoll illi meta l-ezami quddiem dik il-qorti fid-19 ta` Jannar 2010, Busuttil indika l-indirizz : 20, Triq id-Dokkiena, Luqa. Tajjeb li jkun rilevat ukoll li fir-registru elettorali tal-2012, ir-rikorrent jidher li kien registrat fl-indirizz ta` 20, Triq id-Dokkiena, Luqa.

Daqstant bhala kwadru tal-fatti kif johorgu mill-provi.

Fi procediment ta` din ix-xorta, il-prova tan-nuqqas ta` notifika tispetta lir-rikorrent.

L-**Art 187(1) tal-Kap 12** ighid :-

> *In-notifika ssir bil-kunsinna ta` kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-skrittura ghandha tkun innotifikata, kull fejn dik il-persuna tista` tinstab. In-notifika tista` wkoll issir billi dik il-kopja tithalla fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali ta` dik il-persuna f`idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f`idejn wiehed fis-servizz ta` dik il-persuna jew f`idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha.*

Fir-rikors promotur, ir-rikorrent jirreferi ghas-sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fil-Gurisdizzjoni Kostituzzjonali taghha fit-23 ta` Marzu 2017 fil-kawza fl-ismijiet "**Dr Michael Grech noe vs L-Avukat Generali et**". Fiha l-Qorti rreferiet ghal decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell Inferjuri fit-28 ta` Marzu 2007 fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Cassar Aveta vs Citadel Insurance plc**" fejn dwar il-procedura tan-notifika ta` atti gudizzjarji saret din l-osservazzjoni :-

> *In-notifika f`idejn min hu indikat li jiricevi l-posta f`dawk ic-cirkustanzi hi, f`konkorrenza ma` dawk l-ohra superjorment indikati, wahda mill-modi li permezz tieghu n-notifika tista` tigi kompjuta. Tali notifika tippostula dik il-volonta` inekwivoka li d-destinatarju ried li l-posta tintbaghat fil-lok iddezinjat minnu bil-konsegwenza li din tekwivali ghan-notifikazzjoni validament ezegwita. B`dan il-mod l-Artikolu 187(1) precitat johloq il-presunzjoni iuris tantum illi n-notifikand hu xjenti mill-att ta` l-avviz notifikat lilu ghall-instawrar tar-rapport processwali. Dan igib li jinkombi fuq id-destinatarju ta` l-att l-oneru li jipprova li hu ma rceviex l-att.*

Din il-Qorti taghmel taghha din id-direzzjoni gurisprudenzjali.

Hija regola generali u pacifika fil-ligi tal-procedura civili nostrana illi fuq l-attur jinkombi l-piz tal-prova tal-fatti li fuqhom ikun qed isejjes il-

pretensjonijiet tieghu : *actori incumbit probatio.* Ghalkemm isegwi minn dan il-principji li *actor non probante, reus absolvitur*, jibqa` l-fatt illi meta konvenut isostni fatt intiz biex jikkontrasta l-pretensjoni tal-attur il-prova ta` dak il-fatt tkun tispetta lilu : *reus in excipiendo fit actor.*

Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta tas-26 ta` Mejju 2004 fil-kawza fl-ismijiet "**Mario Galea vs Joseph Buhagiar**" inghad hekk :-

> *Premessi dawn il-provi, din il-Qorti tibda biex tippuntwalizza, qabel kull konsiderazzjoni ohra, illi skond il-principju maghruf ta` l-oneru tal-provi l-attur hu obbligat li jiddemostra l-fatt kostituttiv tad-dritt pretiz minnu. ... Dan l-obbligu normattiv tad-dritt procedurali (Artikolu 562, Kapitolu 12) huwa hekk vitali in kwantu jispetta lill-attur li jgib provi tal-fatt allegat u b` hekk jsostni l-bazi tat-talba tieghu. Il-kwalifikazzjoni stess tad-deduzzjoni probatorja qua oggett ta` oneru necessarjament, u guridikament, taghmel dawn il-provi impellanti fuq l-attur li hu gravat b` dan l-oneru. Jekk ma jirnexxielux jaghmel dan, u l-fatt allegat jibqa` fi stat ta` incertezza jew ta` dubbju, dan id-dizimpenn fl-attur jittraduci ruhu fi zvantagg ghalih. Dan ghaliex huwa l-attur li hu mghobbi bil-piz li joffri c-certezza tal-fatt u jekk allura hu jonqos milli jiskarika dan il-piz jigi li hu ma pprovax adegwatament u sodisfacentement il-legittimita` u l-fondatezza tal-pretensjoni tieghu.*

Il-Qorti rat is-sentenza citata mir-rikorrent "**Dr Michael Grech noe vs L-Avukat Generali et**" (op. cit.)

Tirrileva izda li l-fatti u cirkostanzi ta` dik il-kawza m`ghandhom xejn x`jaqsmu ma` dawk tal-kaz in ezami. Il-kwistjoni hemm kienet dwar firma fuq *pink card* li irrizulta li ma kinitx tar-rikorrent u ghalhekk inghad li ma kienx notifikat bl-atti. Kif rajna aktar kmieni, il-fatti tal-kaz tal-lum kienu diversi ghal kollox.

**Wara li qieset b`reqqa l-provi kollha li tressqu fil-kaz tal-lum, partikolarment ir-referti fuq l-att gudizzjarju, liema prova kienet esebita miz-zewg nahat, il-Qorti ghandha c-certezza morali li r-rikorrent kien tassew notifikat ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. It-timbru huwa car u jghid illi John Busuttil kien notifikat fl-indirizz 20, Triq id-Dokkiena, Luqa.**

Il-Qorti tqis illi ghalkemm l-indirizz 20 Triq id-Dokkiena Luqa ma kienx dak li kien jidher fir-registru elettorali bhala l-indirizz tar-rikorrent fl-2009, l-intimat ghamel il-prova ghas-sodisfazzjon ta` din il-Qorti illi fl-2009 kien hemm ness bejn ir-rikorrent u l-indirizz 20, Triq Dokkiena, Luqa. Minkejja li r-rikorrent cahad li qatt kien notifikat bl-att gudizzjarju tal-intimat f`dak l-indirizz, il-Qorti hija konvinta li f`dak l-indirizz (li kien ir-residenza ta` ommu qabel mietet) ir-rikorrent kien ircieva atti destinati lilu. In partikolari tirrileva li fil-proceduri kriminali mhux biss ir-rikorrent kien notifikat hemm izda fil-kors tal-ezami tieghu bhala akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati ddikjara li kien joqghod propju 20, Triq Dokkiena, Luqa. Ghalkemm irrizulta li l-komparixxi kienet notifikata lil ommu xorta wahda waslet ghand ir-rikorrent tant li deher fil-kawza kriminali.

Tishaq illi r-riferta tal-ittra ufficjali hija cara ghax tghid li kien notifikat John Busuttil. Dan huwa sufficjenti sabiex jigi sodisfatt il-vot tal-ligi skont l-Art 187(1) tal-Kap 12. Kien jinkombi fuq ir-rikorrent l-oneru li jxejjen il-presunzjoni *juris tantum* li saret notifika skont il-ligi billi jipprova li notifika lilu ma kenitx saret (ara : "**Joseph Cassar Aveta vs Citadel Insurance plc**" : op. cit.) Din il-prova baqghet ma saritx ghall-konvinciment tal-qorti sal-grad rikjest mil-ligi.

**Accertata l-prova tan-notifika posittiva tar-rikorrent fit-12 ta` Frar 2009, it-terminu ta` ghoxrin jum skont l-Art 467(1) tal-Kap 12 beda jiddekorri b`effett minn dakinhar (*dies a quo non computatur*). Il-Qorti tishaq illi t-terminu huwa perentorju. Ghalhekk ma jistax ikun interrott b`att gudizzjarju li jipprezenta d-destinatarju. Dan ikompli jfisser illi appena jiskadi t-terminu, l-att gudizzjarju jikkonverti ruhu *ope legis* f`titolu esekuttiv. U allura ma tkunx tigi opposta l-pretensjoni tal-intimat. Fil-kaz tal-lum, irrizulta li r-rikorrent ma pprezenta ebda rikors fit-terminu ta` ghoxrin jum min-notifika, u ghalhekk l-azzjoni tieghu tal-lum hija perenta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi :-**

**Riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni preliminari, tiddikjara perenta l-azzjoni tar-rikorrent a tenur tal-Art 467(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-eccezzjonijiet l-ohra.**

**Tichad it-talba tar-rikorrent.**

**Tordna lir-rikorrent sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**